**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.). LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**George Curmi**

Kaz Numru: 830/2011

Illum 24 ta' Frar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **George Curmi**, bin Emanuel u Fortunata neé Mercieca, imwieled fil-5 ta' Dicembru 1964, u residenti fil-fond 84, Morning Star, Triq ta' Gokk, Xewkija, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 487640(G), akkuzat talli nhar l-1 ta' Novembru 2011 ghall-habta ta' nofsinhar (12:00p.m.) waqt li kien fl-inhawi maghrufa bhala tal-Gruwa, limiti ta' Sannat, Ghawdex:

1. volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

2. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Joseph Curmi minn Fontana, Ghawdex f'periklu car hebb ghalih b'pala tal-hadid u kkagunalu feriti ta' natura hafifa skont kif iccertifika Dr. Julian Portelli MD mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

3. waddab gebel fid-direzzjoni ta' Joseph Curmi u ibnu Samuel Curmi minn Fontana, Ghawdex;

4. fl-istess data, hin u post verbalment hedded lill-istess Joseph Curmi.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Semghet lil-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Semghet, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2014, lill-kwerelant Joseph Curmi jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u dana *stante* li kien hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali (*a fol.* 70).

Rat id-depozizzjonijiet moghtija mill-imputat[1].

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux provi xi jressaq.

Rat illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2014, il-Qorti kkoncediet zmien lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-difiza sabiex jipprezentaw Nota ta' Sottomissjonijiet, u dana skond it-terminu specifikat fil-verbal tas-seduta msemmija (*a fol.* 70 u 71).

Rat illi, fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2015, il-Qorti tat aktar zmien lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-difiza sabiex jipprezentaw Nota

[1] Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2014, gie verbilizzat hekk: *"L-imputat jaghzel li jixhed. Il-Prosekuzzjoni, il-parte civile u d-difiza jaqblu li d-depozizzjonijiet moghtija minn George Curmi fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Joseph Curmi*** *(Kawza Nru. 105/2011), nru. 121 fuq il-lista tal-lum, ghandha tapplika ghall-kawza odjerna u ghaldaqstant il-Qorti tordna li fl-atti processwali tal-kawza odjerna jigu nseriti d-depozizzjonijiet moghtija minn George Curmi fil-kawza msemmija li jinsabu a fol. 54 sa 63 u a fol. 274 sa 277"* (*a fol.* 70).

ta' Sottomissjonijiet, u dana skond it-terminu specifikat fil-verbal tas-seduta msemmija (*a fol.* 89).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-22 ta' Lulju 2015 (*a fol.* 94 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-*parte civile* ipprezentata fis-6 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 97 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali (*a fol.* 105).

Rat illi din il-kawza kienet qed tinstema flimkien ma' kawza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Curmi** (Kumpilazzjoni Numru 105/2011) f'liema kawza msemmija, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 323), il-Qorti laqghet talba sabiex il-provi migbura (inkluz dokumenti) fil-kawza msemmija jkunu japplikaw ghall-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Illi, *stante* li din il-kawza kienet qed tinstema flimkien mal-kawza msemmija hawn fuq, il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni u ghall-korrettezza u sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet bla bzonn, taghmel riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Curmi** (Kumpilazzjoni Numru 105/2011) deciza llum stess precizament ghal dik il-parti tas-sentenza msemmija fejn issir riferenza ghax-xhieda mismugha u ghad-dokumenti pprezentati liema parti tas-sentenza msemmija ghandha tifforma parti minn din is-sentenza (vs. George Curmi). Il-konsiderazzjonijiet li saru fis-sentenza msemmija fir-rigward tal-fatt li dak li qal il-*parte civile* George Curmi fil-kawza msemmija (l-imputat fil-kawza odjerna), fejn inghad li l-Qorti ser tikkunsidra l-verzjoni moghtija minnu bhala kredibbli, ghandhom japplikaw ukoll ghall-kawza odjerna. Ghandha tapplika ukoll ghall-kawza odjerna l-gurisprudenza kwotata fis-sentenza msemmija meta saru l-konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' legitima difeza.

Illi, tenut kont tal-gurisprudenza msemmija, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li l-imputat fil-kawza odjerna huwa f'pozizzjoni li jinvoka l-legittima difesa.

Illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Ma jirrizultax li l-imputat kiser il-bon-ordni b'ghajjat u glied. B'dak li ghamel l-imputat dakinhar tal-akkadut ma jfissirx li persuni ohra kienu bezghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. B'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

- Minkejja d-depozizzjoni moghtija minn Dr. Julian Portelli fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2012 u minkejja c-certifikat mediku (Dok. "AS 1" – *a fol.* 12), ma jirrizultax pruvat li l-ferita sofferta mill-*parte civile* giet kawzata tort tal-imputat. Il-Qorti tinnota li apparti li l-*parte civile* ma xehedx, l-imputat cahad li f'xi hin mess lill-*parte civile* u li, skond l-imputat, wara li hu (l-imputat) mar ghall-virga li kienet fuq il-hajt u l-*parte civile* insista li jehodha hu, huma spiccaw waqghu ma' xulxin u kawza ta' din il-waqgha gew kagunati l-griehi fuq il-*parte civile*. Isegwi ghalhekk li l-imputat ser jigi liberat ukoll mit-tieni (2) imputazzjoni.

- Fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone, l-imputat jghid li hekk kif il-*parte civile* pponta s-senter lejn id-direzzjoni tieghu, hu (l-imputat) qabad xi gebel li sab mal-hajt u tefaghhomlu. Dan qalu wkoll fid-depozizzjoni moghtija minnu quddiem il-Qorti. Tenut kont ta' dak li nghad fir-rigward tal-kredibilita' tal-imputat u ta' dak li nghad hawn fuq fir-rigward tal-legittima difesa, il-Qorti mhijiex ser issib htija fl-imputat ghat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

- Ma jirrizultax dak li gie addebitat bih l-imputat fir-raba' (4) imputazzjoni, ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat ukoll minn din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputat huwa hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputat u l-Qorti ghalhekk hija obbligata tillibera lill-istess imputat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat George Curmi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**